BIRŻEBBUĠA

“Dar Birzebbuga” Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 13/13 tal-Kunsill Lokali ta’ Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 7 ta’ Novembru 2013 fil-5.30pm**

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Aġent Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużati** | **Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Mrs Bernardette Pace** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 12/13 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. C.Muscat ippropona u S.Zammit issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 12/13 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra żewġ ‘*Masterplans*’ għall-Bajja s-Sabiħa u Ġnien Mons. Ġużeppi Minuti. Il-Kamra qablet li għandu jibda l-proċess ta’ applikazzjoni l-MEPA skont pjanta Nru. 2 bl-amendi segwenti:

- isir taraġ minn fuq il-*promenade* għall-Bajja qabel ir-rampa ta’ quddiem il-Każin tal-Partit Laburista

- Is-*Slides* flok fejn ġew proposti, isiru fuq il-pont fejn kien hemm il-*pilot light*

***AĠENDA -3***

Ġew diskussi l-ideat imressqa mill-Kunsillieri sabiex il-Kunsill Lokali japplika għall-M413.A5 – *Embellishment Projects*, fejn wieħed jista' japplika għal tisbiħ ta' postijiet rurali sa massimu ta' €15,000. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li l-Kunsill Lokali japplika għall-fondi sabiex isir tisbiħ tal-pjazza ta' Bengħisa li jkun jinkludi bankijiet kif ukoll dawl ornamentali.

***AĠENDA -4***

Wara li l-Kunsill Lokali ġie mitlub sabiex jaħtar żagħżugħ jew żagħżugħa mil-lokal sabiex ikun ambaxxatur tal-VOT16, il-Kamra evalwat iż-żewġ nominazzjonijiet ta' żgħażagħ li wrew dan l-interess. Wara diskussjoni, fejn il-Kamra sabitha diffiċli ferm tagħżel minħabba li ż-żewġ nominati kellhom esperjenza vasta fejn jidħol volontarjat fost iż-żgħażagħ, kien hemm qbil unanimu li l-ambaxxatriċi għall-VOT16 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa għandha tkun Ms. Jasmine Farrugia.

***AĠENDA -5***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Ottubru 2013. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi, il-Kamra qablet li tħallas is-somma ta' €111,023.02 skont skeda Nru. 10/13.

***AĠENDA -6***

1. L-Aġent Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :

   - it-tieni pubblikazzjoni tal-*magazine* fl-2013 ġie jiswa €1453.76 stampar u tqassim filwaqt li kien hemm dħul ta' €833 minn reklami. Għaldaqstant il-Kamra approvat nefqa ta' €620.76.

   - se jibda l-proċess sabiex jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid għall-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa hekk kif ikun hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2. Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun :

   - informa l-Kamra li nhar l-24 ta' Novembru se tiġi organizzata *bike ride* b'risq l-Istrina flimkien mal-Kunsilli Lokali taż-Żejtun u ta' Marsaskala.

- ressaq suġġeriment biex issa li ħa jibda x-xogħol fil-Bajja s-Sabiħa, il-bankina fejn hemm l-i*stage* tal-linja faċċata taċ-Cherries Pub, isir parkeġġ għall-muturi minħabba li din il-bankina ma tintużax.

- informa l-Kamra li se terġa' toħroġ sejħa sabiex jingħaqad il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ għas-sena 2014.

- talab sabiex jinħoloq kumitat biex jivverifika l-inventarju li ntbagħat mis-*Superintendent* tal-*Cultural Heritage*. Is-Sindku rrimarka li minħabba li l-kultura hi deroga ta-Kunsilliera B.Pace, dan il-kumitat għandu jkollu l-approvazzjoni tagħha. Kulħadd qabel.

3. Il-Kunsillier, is-Sur J.Baldacchino :

- informa l-Kamra fuq laqgħa li kellu l-Kunsill fuq il-medda tad-drenaġġ fil-Bajja s-Sabiħa mas-CEO tal-Water Services Corporation l-Inġ. Fredrick Azzopardi. Il-Kunsill Lokali saħaq li hekk kif qed isir ix-xogħol fuq il-Bajja s-Sabiħa, għandha ssir medda tad-drenaġġ fuq dik eżistenti sabiex isservi ta' *overflow*. Il-Kunsill ġie nfurmat li minħabba li dan il-proġett jiswa ħafna flus ser isiru t-testijiet neċessarji sabiex jiġi iddentifikat jekk hemmx il-bżonn ta' din il-medda ġdida. Jekk ikun fil-pożittiv l-Water Services Corporation se tieħu l-azzjoni neċessarja.

- issuġġerixxa li kif ikun għaddej ix-xogħol fil-Bajja s-Sabiħa titwessa' l-bankina ta' ħdejn il-*Country Style*.

- fakkar li nhar it-22 ta' Novembru 2013, il-Kunsill Lokali se jorganizza 'Jum L-Anzjan' ġewwa s-Soreda Hotel.

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li wara l-komunikat li rċevejna mill-MEPA fir-rigward tal-flus meħuda mill-kont tal-UIF ta' Birżebbuġa sabiex jiġu rritornati lill-Port Ħieles f'Ottubru 2012, suppost il-Kunsill ġie mgħarraf b'dan l-aġir fi żmien ħmistax minn din id-deċiżjoni tal-Kabinet. Fid-dawl li dan ma seħħx il-Kunsill Lokali għandu jitlob laqgħa urġenti mal-Prim Ministru. Kulħadd qabel.

- talab sabiex l-amministrazzjoni tara fiex waslet l-investigazzjoni fuq il-vandaliżmu li sar fil-latrini ta' San Ġorġ.

4. Il-Kunsillier, is-Sur S. Zammit :

- talab sabiex il-Kamra tapprova spiża approssimattiva ta' €1000 għal l-istess ammont ta' tiżjin tas-sena l-oħra.

- wara li ġiet diskussa f'laqgħa Nru. 11/13 saret laqgħa ma' Transport Malta u evalwazzjoni tal-*e-mails* favur u kontra s-sistema ta' *One Ways* fi Triq il-Girgħien, Triq il-Borok u Triq il-Gawwi. Il-Kamra għaddiet sabiex terġa' tiddiskuti u tieħu deċiżjoni finali f'dan ir-rigward. Wara diskussjoni l-Kamra unanimament qablet li Triq il-Borok għandha tibqa' *One Way* direzzjoni lejn Triq il-Qroll u Triq il-Girgħien għandha tkun *One Way* bejn Triq ir-Rizza u Triq l-Imnarja u *Two Way* bejn Triq ir-Rizza u Triq ic-Cief. Bi tlett voti favur, wieħed kontra u wieħed astiena, Triq il-Gawwi għandha ssir *One Way* fid-direzzjoni lejn Triq iċ-Ċief.

- talab sabiex l-amministrazzjoni tibda tiċċirkola l-minuti tal-GAL Xlokk mal-Kunsillieri kollha permezz tal-*e-mail*. Kulħadd qabel.

- informa l-Kamra li hemm bżonn ta' lampi tad-dawl ġodda fi Triq Santa Rita, Triq il-Kummerċ u fi Sqaq ta' Salvun (tidħol għalih minn Triq Ħal Far) kif ukoll *shifting* ta' lampa tad-dawl fi Triq Alessandru. Kulħadd qabel.

5. Il-Kunsillier, is-Sur C. Muscat :

- talab sabiex jitneħħew iz-zkuk ta' siġar maqtugħa minn Triq Żarenu Dalli. L-Aġent Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li qed jinġiebu kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol.

- issuġġerixxa sabiex il-Kunsill Lokali jibda jikkonsidra l-introduzzjoni ta' *car boot sale* fil-lokal.

6. Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia :

- informa l-Kamra li ġie avviċinat mis-Supretendent Vella Gregory sabiex il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa jagħmlu resident onorarju tal-lokal. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandha tinġieb informazzjoni f'dan ir-rigward mingħand Kunsilli Lokali oħra.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.30pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Ħamis, 12 ta' Diċembru 2013 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................ |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżk.** |